

# P. Avertan Fenech, O.Carm. (1871-1943)

Fit-2 ta' Frar 2017, Jum il-Ħajja Kkonsagrata u Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, fid-Djoċeżi ta' Malta nfetaħ il-Proċess Djoċesan għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' P. Avertan Fenech, reliġjuż Karmelitan li f'ħajtu u wara mewtu sal-lum gawda u għadu jgawdi fama ta' qdusija. Din il-fama matul dawn is-snin mill-mewt tiegħu li seħħet fl-1943 kompliet tissaħħaħ minħabba l-grazzji li huwa jaqla' lil dawk li jitolbu lil Alla bl-interċessjoni tiegħu. Fl-arkivju tal-Karmnu fl-Imdina hemm miżmuma b'għożża u f'pitazzi u reġistri l-grazzji maqlugħa mill-1945 sal-lum. Huwa għalhekk li l-Ordni Karmelitan iddeċieda li tinfetaħ il-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni, għaliex wara dawn is-snin kollha, il-fama ta' qdusija tiegħu żammet ħajja fost il-poplu ta' Alla b'mod naturali u għaldaqstant jidher biċ-ċar li ma kenitx ewforija tal-mument f'ħajtu u fi ftit snin wara mewtu.

Biex jinfetaħ proċess ta' Beatikazzjoni u Kanonizzazzjoni huwa meħtieġ li mhux biss il-persuna tkun għexet ħajja qaddisa, imma li tgawdi diġà mill-poplu ta' Alla f'ħajjitha, f'mewtha u wara mewtha fama ta' qdusija (*fama sanctitatis*) u wkoll li l-poplu ta' Alla jattribwixxi grazzji maqlugħa (*fama signorum*) bl-interċessjoni ta' din il-persuna quddiem Alla. Quddiem din ir-realtà mbagħad il-Knisja, permezz tal-proċess kanoniku mibdi l-ewwel fid-Djoċesi li fiha tkun għexet din il-persuna, tistabilixxi u tikkonferma l-intwizzjoni tal-poplu ta' Alla dwar din il-persuna permezz tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni. Jista' jagħti l-każ ukoll li l-Knisja għal raġunijiet li joħorġu mill-proċess, li jkunu juru li din il-persuna fil-fatt ma għexitx ħajja qaddisa, twaqqaf il-ġieħ mogħti lil din il-persuna mill-poplu ta' Alla. Kif jibda l-Proċess kanoniku fid-Djoċesi il-persuna jingħatalha t-titlu ta' Qaddej jew Qaddejja ta' Alla.

Dan huwa dak li nbeda fil-każ ta' P. Avertan Fenech fid-Djoċesi ta' Malta mill-Arċisqof Charles J. Scicluna, wara li l-Ġeneral u l-Kunsill tal-Ordni Karmelitan laqgħu t-talba tal-Provinċja Karmelitana Maltija



Xellug: Il-"legiju" restawrat li kien jitqiegħed taħt l-imħaded ta' P. Avertan, biex dan ikun jista joqgħod bilqegħda fis-sodda matul iż-żmien twil li fih kien paralitiku b'nofs ġismu mejjet.
Lemin: Il-kamra ta' P. Avertan li tinsab fil-Kunvent tal-Karmelitani l-Imdina.

biex jinbeda l-proċess kanoniku li jekk Alla jrid iwassalna sal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni.

P. Avertan Fenech huwa wild ewlieni u waħdieni ta' Duminku Fenech e Marija Attard. Huwa twieled nhar l-10 ta' Lulju 1871 il-Mosta u kien mgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali u semmewh Luigi għal San Alwiġi Gonzaga li bħalu kellu jispikka għall-virtù tas-safa. Mid-dar huwa tgħallem jitlob u jikber fil-fidi. Il-familja għalkemm fqira kienet għanja fil-ħajja tal-fidi. Missieru ħien jaqta' l-ġebel f'barriera u ommu kienet seftura mas-sinjuri Grech Mifsud. Dawn is-sinjuri kellhom dar il-Belt biswit is-santwarju tal-Karmnu u aktarx li minn hemm huwa wiret l-imħabba lejn il-Madonna tal-Karmnu. Luiġi kellu karattru sensibbli, u galbat, dejjem jilqgħek bit-tbissima fuq wiċċu. Imġiebtu ma' sħabu kienet eżemplari u kien juri li miġbud għall-ħajja tat-talb u l-virtù, hekk li l-Arċipriet tal-Mosta għażel li jagħmillu l-Preċett qabel il-Griżma, ħaġa rarissima, dak iż-żmien. Aktar ma beda jikber, kompliet tikber miegħu s-sejħa għall-ħajja reliġjuża Karmelitana u meta lill-ġenituri wriehom din ix-xewqa huma bagħtuh jistudja l-Latin u t-Taljan għand qassis in-Naxxar. Fis-6 ta' Frar 1888 il-Vigarju Provinċjali P. Lwiġi Malfatti laqgħu fin-novizzjat il-belt u sena wara pprofessa fl-oratorju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt. Imbagħad nhar is-27 ta' Frar 1892 ipprofessa solenni fl-oratorju tan-Novizzjat fil-Belt. Wara dan huwa kompla l-formazzjoni fil-kunvent il-ġdid ta' San Ġiljan u kellu b'surmast lil P. Francesco Raiti li aktar tard intgħażlet bħala isqof ta' Trapani. Fl-1896 intgħażel bħala prefett tal-kjeriċi minħabba l-ħajja virtuża u integra tiegħu u fil-5 ta' Lulju 1896 kien ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Għawdex Giovanni M. Camilleri OSA u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fis-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Mal-ordinazzjoni ntefa' għall-ministeru tal-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Ukoll l-imġiba tiegħu kemm waqt it-talb u l-quddiesa kif ukoll fil-komportament tal-ħajja ta' kuljum u fir-relazzjoni ma' ħutu fil-komunità kienet ta' edifikazzjoni u ammirazzjoni speċjalment għax kien jgħix tassew kontinwament fil-preżenza ta' Alla. Il-modestja, l-umità, il-faqar u s-safa tiegħu kienu jqanqlu lin-nies jersqu għandu għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali, fosthom Dun Mikiel Gonzi li kien lettur is-Seminarju, kif ukoll is-seminaristi. Mons. Ġużeppi de Piro stqarr mal-isqof li s-seminaristi kienu jmorru jqerru għand dan il-patri Karmelitan ta' fama qaddisa u mhux għand il-konfessur ordinarju tas-seminarju.



Il-ħajja ta' reliġjuż tassew u kif għandu jkun qanqlet lis-superjuri tiegħu biex iqegħduh bħala surmast tan-novizzi. Huwa dam 26 sena jaqdi dan il-ministeru b'dedikazzjoni u b'eżempju kbir għal dawk li għaddew minn taħt idejh. Minnu tgħallmu jaħarbu l-għażż, jgħixu ħajja ta' talb u osservanza reliġjuza tar-Regola, fl-ubbidjenza, fil-faqar evanġeliku u fis-safa. P. Avertan kien ukoll segretarju tal-Provinċja, kunsillier provinċjali, viċi-pirjol tal-komunità tal-Imdina u fl-1919 kien ukoll delegat provinċjali għall-Kapitlu Ġenerali f'Ruma, fejn ħalla impressjoni fuq il-Pirjol Ġenerali u fuq il-kapitulari minn madwar id-dinja, għall-umiltà, l-ispirtu ta' talb u l-manswetudni tiegħu. Mat-twaqqif tal-Provinċja Karmelitana tal-Qalb Safja ta' Marija fl-Istati Uniti, titlu Marjan wisq għal qalb P. Avertan, is-segretarju ġenerali talab lill-P. Avertan jagħti lill-Provinċjal fl-Istati Uniti l-fehma tiegħu dwar l-ispirtu veru tal-Ordni Karmelitan u l-partikularità tal-Kariżma Karmelitana fil-Knisja. Kulħadd kien iżommu b'qaddis, kemm ħutu r-reliġjużi kif ukoll in-nies. Kien ta' edifikazzjoni fis-sabar qalb it-tiġrib u offra lilu nnifsu għall-konverżjoni tal-midinbin. Kien membru tal-Pija Unjoni tas-Saċ*erdoti Adoraturi* u Riparaturi u fil-Konfraternità tal-Mewt ta' San Ġużepp b'suffraġju għall-erwieħ.

Il-qdusija u l-virtujiet tiegħu spikkaw l-aktar fi żmien il-mard. F'Mejju tal-1932 tah attakk qawwi ta' puplesija li ħallieh b'ġismu nofsu pparalizzat u b'fommu mbikkem. Is-sodda tal-mard u s-siġġu tar-roti li fuqhom dam għal *ħdax*-il sena u nofs saru issa mhux biss is-salib tiegħu imma wkoll il-pulptu li minn fuqhom kien iwassal il-Vanġelu. P. Avertan qatt ma kien predikatur. Leħnu ma kienx jagħtih, imma dejjem ipprietka bl-eżempju ta' ħajtu u issa f'dan il-mument spikka bl-eżempju ta' virtù u l-għaqda ma' Alla f'rassenjazzjoni serena mar-rieda ta' Alla. Qatt ma naqas mit-tbissima lil min

kien iżuru, qatt ma lmenta fuq nuqqas ta' ikel kemm minħabba l-għaks tal-gwerra kif ukoll għax ma setax jiekol ikel solidu, ħlief likwidi. Fil-kunvent minkejja li ppruvaw jieħdu ħsiebu kif setgħu kien hemm skarsità fl-ikel u anki fil-kumdità. Il-kunvent inbidel f'uffiċini tas-Servizzi Ċivili bil-ħaddiema tad-Dockyard, il-patrijiet ukoll kienu jsostnu b'karità r-refuġjati tal-gwerra. Għall-bidu waqt xi bumbardament lil P. Avertan kienu jniżżluh magħhom u man-nies fuq siġġu tar-roti, iżda aktar ma beda jiggrava dan ma setax isir. Qatta' tlitt ijiem fl-Isptar Santu Spirtu fejn edifika lil kulħadd bi mġibtu. Lura mill-isptar il-komunità ddeċidiet li tniżżlu minn kamartu għall-oratorju tal-kunvent. U aktar tard, meta waqgħet bomba l-Imdina u ftit wara xi bombi ġarrfu parti mill-monasteru tal-Benedittini u dar viċin il-kunvent, mill-oratorju ċaqilquh minħabba s-sigurtà lejn kamra mdaqqsa li kienet isservi ta' maħżen għall-affarijiet tal-knisja. Din kienet il-kamra numru 7 li fiha P. Avertan qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu u fiha miet. Nieqes minn kollox issa kien tassew jixbah lill-Kurċifiss li lejh kien iħares u lilu kien juri meta kienu jitħassruh. F'din il-qagħda huwa tassew kif jgħid San Pawl kien qed jgħix il-ħajja moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla. Xewqa waħda żamm, dik li jfiq biex iqaddes!

F'Ruma wara ż-żjajjar fil-katakombi u l-qobra tal-martri hu mtela bil-ħeġġa għall-martirju. F'wieħed mill-irtiri tiegħu kiteb hekk: "Aħna riżoluti, o Ġesù, li nirrinunzjaw kollox għal imħabbtek, u mgħannqin mas-salib tiegħek irridu ngħixu u mmutu bħalek, imċaħħdin mill-ħwejjeġ żejda tad-dinja u ma nixtequx ħlief dawk tas-Sema. Din hija l-unika xewqa tagħna, li nisperaw li tistħoqqilna dik il-ġurnata li niġu ngawduk għall-eternità fil-ġenna kif inti wegħedtna. Hekk Ikun." Il-marda tiegħu kellha tkun għalih il-martirju li hu ġarr b'qalb sħiħa. Il-ħaddiema tad-Dockyard kienu jħobbu jżuruh f'kamartu u minn hawn xterdet aktar il-fama tiegħu ta' qdusija. Xi xhieda jgħidu wkoll li kienu jiġu nies biex jarawh u jmissu xi kuruna miegħu u jberikhielhom jonkella jġibu t-tfal morda għall-fejqan.




Miet fl-1 ta' Novembru 1943, *għall-ħabta tat-tlieta ta'* filgħodu. Il-konfessur tiegħu P. Ġerardu Paris, Dumnikan, xehed li qatt ma dineb gravement u li dak il-lejl huwa ra f'ħolma lil P. Avertan ħiereġ iqaddes jintona l-glorja fis-sema. Bosta xtaqu jaraw il-ġisem mejjet ta' P. Avertan li ma setax ikun espost fl-oratorju minħabba li dan kien sar parti mill-uffiċini tal-gwerra. Għalhekk kien imħejji fiċ-ċella tiegħu fejn in-nies setgħu jagħtuh l-aħħar tislima. Il-Provinċjal amar li jitteħdulu r-ritratti u ried jagħmel hu nnifsu l-funeral u mhux il-pirjol tiegħu. Kien midfun fil-kripta taħt il-knisja fil-mejjilla numru 3.

Ma' mewtu xterdet il-fama tal-qdusija. Fil-gazzetti xterdet l-aħbar li miet reliġjuż qaddis. Il-qabar tiegħu sar ċentru ta' pellegrinaġġi u fil-25 sena mill-mewt tiegħu l-Arċisqof Gonzi mexxa l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tiegħu li tqiegħdu f'qabar ġdid fil-kannierja. Jidher li kien avveniment kbir għax saħansitra l-eżumazzjoni ngħatat f'xandira televiżiva. Fl-2014 f'għeluq is-70 sena minn mewtu l-fdalijiet indifnu fil-kappella tal-Madonna tar-Rocca fil-Karmnu tal-Imdina. Bosta huma dawk li jiġu jżuru qabru u ċ-ċella tiegħu, jitolbu s-santi u jħallu bil-miktub talb u jirreferu grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tiegħu.

Illum P. Avertan huwa mudell għar-reliġjużi kollha fl-għażla ta' Alla fl-ewwel post ta' ħajjitna. Lil ħutu l-Karmelitani jfakkarhom dejjem fil-primat tal-kontemplazzjoni u quddiem l-Insara jiddi bħala xempju tas-safa tal-qalb. Bħala saċerdot ifakkar u jqanqal bl-eżempju ta' ħajtu lis-saċerdoti biex jingħataw għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali. Fl-aħħar nett f'dinja u kultura li tiddiskuti dwar jaqbilx li bi "ħniena" nagħtu l-mewt lil min jinsab f'mard terminali, P. Avertan jiddi bħala mudell u xempju tad-dinjità u l-valur tal-bniedem ukoll f'dawn il-kundizzjonijiet.

***Charlò Camilleri***

Ritratt f'nofs il-paġna: Monument f'ġieh Patri Avertan biswit it-triq imsemmija għalih wara l-Knisja Arċipretali tal-Mosta.